MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 1232/1992/1

**Marianna mart Giovanni Maria Mifsud u l-istess Giovanni Maria Mifsud bhala kap tal-komunjoni u amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**Vs**

**Vittoria armla ta' John Sciberras u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2006, Josephine Zammit, Carmel sive Charles f'ismu kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' prokuratur verbalment kostitwit ghall-finijiet ta' din il-kawza ta' assenti John Sciberras u Saviour sive Sam Sciberras, Nazzareno sive Zaren Sciberras, Anthony Sciberras, Catherine Gauci, Helen Bonanno, Marianne Camilleri, Emmanuel Sciberras, Louis Sciberras, Raymond Sciberras u Victor Sciberras**

**mahtura bhala kuraturi "ad litem' sabiex jirrapresentaw l-interessi tal-mejta Vittoria armla ta' John Sciberras**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li:
(1) tizgombra fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti mill-porzjonijiet ta' raba detenuti mill-istanti bi qbiela indikati fl-annessi pjanti Dok X u Dok Y formanti parti dawn il-porzjonijiet mir-raba detto ta' Wied Musa u Torri l-Armier rispettiament fil-limiti tal-Mellieha;
(2) Prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta qed tokkupa dawn il-porzjonijet bla titolu stante li obbligat ruhha li tohrog minnhom konformament mal-Att Dok Z.

Bl-ispejjes kotra l-konvenuta li giet ingunat ghas-subizzjoni.

Il-valur lokatizju tal-porzjonijiet, ma jeccedux il-mitt lira maltija (Lm100).

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviz u li jinsabu a fol 2 sa fol 10 tal-istess atti.

Rat in-nota ta' ecezzjonijiet (fol 13 ibid) tal-istess konvenuta u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi b'att tat-23 ta' Frar 1972 atti Nutar Sammy Abela l-ghelieqi gew maqsuma f'tliet porzjonijiet u immarkati biz-zebgha hamra.
2. Illi l-ghalqa nkwistjoni hija proprjeta tal-Gvern u l-Gvern ma rrikonoxxhiex individwalment lill-partijiet.
3. Illi ittelghu l-poloz relattivi.
4. Illi minn dak iz-zmien 'l hawn dawn il-marki sparixxaw u m'hemmx prova fejn hu tieghu, ghalhekk l-ewwel li jrid isir huwa li terga ssir qasma u ghalhekk il-kawza hija prematura.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 43 tal-sitess atti, a fol 46 ibid kif ukoll id-digriet Taghha moghti fil-11 ta' Novembru 2004 (fol 47 u fol 55 ibid) u l-iehor sussegwenti moghti fl-1 ta' Marzu 2006 (fol 61, fol 62 u fol 69 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-provi prodotti waqt dawn il-proceduri huma s-segwenti:-

a) l-att pubbliku esebit mal-istess avviz a fol 5 tal-atti markat Dok Z u publikat minn Nutar Salvatore sive Sammy Abela fit-23 ta' Frar 1972. Permezz tal-istess att, l-attrici kienet giet assenjata bix-xorti mill-komparenti l-ohrajn, fosthom il-konvenuti, r-raba in kwistjoni kif rrisultanti miz-zewg pjanti annessi mal-istess avviz a fol 2 u fol 3, liema raba hu detentut b'titolu ta' qbiela minghand il-Gvern ta' Malta. Skond l-istess att publiku, l-istess konvenuta u zewgha John ossija Giovanni Sciberras ormai mejtin it-tnejn, kienu obbligaw ruhhom li johorgu miz-zewg porzjonijiet li ma jmissux lilhom fuq talba semplici taz-zewg komparenti l-ohrajn fosthom l-attrici, kif jidher a fol 6 u 7 tal-atti. Fil-mori ta' din il-kawza, il-konvenuta odjerna, permezz ta' citazzjoni numru 729/93AD kienet intavolat kawza sabiex jigi dikjarat l-istess att kien null u invalidu ghall-finijet u effetti kollha tal-ligi, liema kawza giet finalment deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Ottubru 2004 (ara fol 180 tal-atti ta' din il-kawza annessi fuq ordni ta' din il-Qorti). Skond din is-sentenza citata, it-talbiet tal-konvenuta odjerna kienu gew michuda u b'hekk l-istess att pubbliku gie dikjarat li kien validu skond il-ligi.

b) l-attrici li xehdet (fol 18 et seq ibid) li hi u l-konvenuta, illum mejta, kienu ahwa, Meta kien sar l-imsemmi att ta' divisjoni, in vista li r-ragel tal-konvenuta kien minghajr xoghol kien sar ftehim illi dan seta' jahdem ir-raba' in kwistjoni " bil-kondizzjoni li meta rriduh , nitolbuhulu lura u nehduh". Skond kif hemm stipulat fl-istess kuntratt. Pero' jidher li kellha ssir din il-kawza in vista li r-ragel tal-konvenuta, mejjet ukoll u l-istess konvenuta kienu irrifjutaw li jaghtu lura lill-attrici l-porzjoni tal-art li kienet

giet assenjata lilha kif hawn fuq spejgat (ara ukoll ix-xhieda ta’ Suor Adelaide Gauci a fol 27 et seq ibid, ta’ Suor Antonia Gauci a fol 29 et seq ibid, tal-Perit Richard Aquilina a fol 31 ibid ta’ Edward Camilleri a fol 32 ibid u ta’ bin l-attrici, Josephije Giorgio u zewgha Anthony a fol 34 u fol 36 ibid.

c) L-ittra ufficjali a fol 38 ibid minn fejn jirrisulta li l-attrici kienet interpellat lill-konvenuta sabiex tohrog mill-istess raba’ sal-15 ta’ Awissu 1984 a basi tal-istess kuntratt u dik a fol 40 tal-atti minn fejn jidher li l-perjodu sabiex il-konvenuta tohrog mill-istess raba kien gie estiz mill-attrici sal-15 ta’ Awissu 1991.

d) Fl-ahhar nett dak, Charles Sciberras (fol 44 ibid) li xehed dwar fatti li ma jidhirx li huwa rilevanti ghall-kaz in desamina.

Ikkunsidrat

Illi, minn dak kollu premess ma ghandu jkun ebda dubbju illi t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti, kemm fuq bazi tal-fatti kif rrizultanti mill-provi hawn fuq esposti kemm fuq bazi legali.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti kollha sabiex, sal-15 ta’ Awissu 2006, jizgumbraw mill-porzjonijiet ta’ raba’ detenuti mill-attrici bi qbiela, kif indikati fl-annessi pjanti markati Dok X u Dok Y a fol 2 u fol 3 tal-atti, liema pjanti ghandhom jifformaw parti integrali ta’ din is-sentenzi, formanti parti dawn il-porzjonijiet mir-raba’ detto ta’ Wied Musa u Torri l-Armier fil-limiti tal-Mellieha waqt li qed jigi dikjarat illi l-istess konvenuti qed jikkupaw dawn il-porzjonijiet bla titolu konformament mal-att publiku markat Dok Z a fol 5 et seq tal-istess atti. In rigward l-ispejjes dawn jithallsu kollha kemm huma mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------